MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Bernard Zarb)**

**vs**

**Calcedonio sive Donald Attard**
**ta' 45 sena, iben il-mejjet John u**
**Carmela nee Ciantar, mwieled Zebbug,**
**fid-29 ta' April, 1958 u joqghod**
**'Attard House', Sqaq il-Qenc, Zebbug,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**302858(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Calcidonio sive Donald Attard li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-27 ta' Dicembru, 2002 u fiz-zmien ta' qabel, u dak ta' wara, f'Haz-Zebbug, u fi bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

(1) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe saw blades u dan bi ksur ta' artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xihaga ohra u cioe software tal-computers bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe Ultra Major HSS u Flex Hacksaw Blades, li taghhom is-socjeta' Demurger S.A. ta' 168, rue de Charlieu 42308 Roanne Cedex France u socjetajiet ohra rapprezentata minn Dr Ludvic Caruana LL. D. et hija rapprezentanti, protetti bil-jew taht il-ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b'hekk jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tenur ta' LN 120/92.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll, jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Donald Attard ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati. Rat l-Art 298(1), 298B(1), rat ukoll il-kwerela esebita bhala Dok BZ.

Rat ukoll l-istqarrija ta’ l-akkuzat.

Tikkundannah ghal multa ta’ Lm 300 (tliet mitt lira Maltija).

Tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------